MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1422/2000/1

**John ABELA**

vs

**Joseph MUSCAT, Salvu Muscat u Grace Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Lulju, 2000, li bih l-attur ippremetta;

Illi l-konvenuti kienu flimkien inkarikaw lill-attur sabiex jagħmlilhom xogħolijiet ta' tibjid, tikħil, mogħdija ta' katusi u xogħolijiet oħra konnessi fil-fond numru 32 San Pawl Milqi, Burmarrad;

Illi l-attur kien fil-fatt espleta parti sostanzjali mill-inkariku lilu mogħti;

Illi l-konvenuti baqgħu ma ħalsuh xejn tax-xogħol, materjal u tas-servizz lilhom mogħti;

Illi anke saħansitra l-Perit ta' fiduċja ta' l-istess konvenuti kien għamel rapport peritali fejn kejjel l-istess xogħol maħdum mill-attur u cio' nonostante, l-konvenuti baqgħu xorta waħda jirrifjutaw li jħallsu lill-attur skond il-kont maħruġ mill-Perit tagħhom stess;

Illi l-konvenuti kienu ġew inutilment interpellati anke permezz ta' ittra legali datata 12 ta' April 2000 sabiex iħallsu dak kollu li huwa dovut lill-attur;

Għaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għalxiex m'għandhiex għar-raġunijiet premessi;

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri a favur tal-attur għal valur tax-xogħol, materjal u servizz reż lilhom fuq l-inkariku minnhom mogħti fil-konfront tax-xogħolijiet esekwiti mill-attur fuq il-fond numru 32, San Pawl Milqi, Burmarrad;

2. Tillikwida l-valur tax-xogħolijiet hekk esekwiti u tal-materjal fornut għall-istess okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat favur tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa qed jiġu nġunti personalment għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fid-29 ta' Settembru, 2000, li biha l-imħarrkin eċċepew;

1. Fl-ewwel lok l-inkompetenza ta' din il-Qorti ratione valoris billi l-ammont pretiż mill-attur kien seba' mitt Lira (Lm700), li minnhom kellhom jitnaqsu wkoll Lm70 bi tpaċija, u għalhekk kien qed jippretendi ħlas ta' Lm630.

2. Illi f'kull każ, l-eċċipjenti Joseph Muscat u Grace Muscat m'humiex leġittimi kontraditturi f'din il-kawża u konsegwentement għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju billi mhux veru li nkarigaw lill-attur jagħmel xi xogħolijiet.

3. Illi bla preġudizzju għas-sueccepit it-talbiet attriċi huma infondati billi x-xogħol eżegwit mill-attur ma kienx skond l-arti u s-sengħa u kien fih diversi difetti, b'mod li ħafna xogħol kellu jerġa' jsir mill-eċċepjenti. Anke x-xogħol tal-bir kellu jerġa' jsir bi spejjeż ta' l-eċċepjenti. Għalhekk s-somma mħallsa mill-eċċepjenti biex jiġu irranġati d-difetti fix-xogħol ta' l-attur inkluż il-bir, għandhom jitnaqsu mis-somma li talvolta tista' tirriżulta dovuta lill-attur.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta' Jannar, 2001[1], li bih l-imħarrkin irtiraw l-eċċezzjoni preliminari dwar is-setgħa tal-Qorti li tisma' l-kawża *ratione valoris*;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha tat-28 ta' Jannar, 2004 u tat-22 t'April, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[1] Paġ. 23 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' xogħol magħmul f'appalt. L-attur ġie mqabbad mill-imħarrkin jagħmel xogħlijiet f'post li kien diġa' mibni, imma twaqqaf qabel ma temm ix-xogħol kollu mitlub. Qiegħed jitlob li jitħallas il-bilanċ, wara li x-xogħol ji laħaq wettaq jiġi mogħti valur;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża minħabba kwestjoni ta' valur (kif ingħad, l-imħarrkin irtiraw din l-eċċezzjoni matul is-smigħ tal-kawża). L-imħarrkin Joseph u Grace Muscat qalu li ma messhomx ġew imħarrka għaliex ma kinux huma li qabbdu lill-attur. Fil-mertu, qalu li t-talbiet tal-attur m'humiex mistħoqqa għaliex ix-xogħol li għamel ma kienx tajjeb u kellhom jagħmlu spejjeż biex jirranġaw ix-xogħol ħażin li kien tahom;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur għandu s-sengħa ta' kaħħal u bajjad. Ġie mqabbad jagħmel xogħol ta' tibjid, tikħil u tqegħid ta' katusi f'żewġ postijiet imissu ma' xulxin u li jinsabu f'Burmarrad. Il-postijiet huma ġid tal-imħarrek Joseph Muscat[2]. Qabel beda x-xogħol, l-attur kien ħareġ stima miktuba lill-imħarrkin[3]. Tahom prezz wieħed tax-xogħol kollu u mhux b'rati[4]. Ix-xogħlijiet saru matul l-1999, imma l-attur twaqqaf milli jkompli dak li kien ġie mqabbad jagħmel. L-imħarrkin kien qabbdu perit arkitett biex ikejjel u jivvaluta x-xogħol li l-attur laħaq lesta[5]. Il-perit kien mar fuq il-post fil-preżenza taż-żewġ partijiet[6]. Sa ma twaqqaf, l-attur kien tħallas erbatax-il mitt lira (Lm 1400) akkont[7]. Il-kawża nbdiet fl-10 ta' Lulju, 2000;

---

[2] Xhieda tiegħu 14.10.2003, f'paġ. 81 tal-proċess
[3] Dok "B", f'paġ. 18 tal-proċess
[4] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami 7.11.2001, f'paġ. 51 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġġ. 16-7 u Dok "JAX2" f'paġġ. 35-6 tal-proċess
[6] Xhieda tal-Perit Charles Buħaġiar 24.1.2001, f'paġ. 25 tal-proċess
[7] Affidavit tal-attur (par 18) f'paġ. 34 u Affidavit ta' Salvu Muscat (par. 18) f'paġ. 47 tal-proċess

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ġuridiċi li jsawru l-każ jibda biex jingħad li bil-liġi huma mogħti l-jedd lill-appaltant li, x'ħin irid, itemm il-ħatra mogħtija minnu lill-appaltatur, ukoll jekk dan ikun beda jwettaq ix-xogħlijiet miftehma[8]. Imma l-liġi tagħraf bejn twaqqif tal-appaltatur għal raġuni tajba u twaqqif bla raġuni tajba: dan l-għarfien jikkonsisti fl-għamla ta' kumpens differenti li l-appaltant ikun irid jagħti lill-appaltatur imwaqqaf. Għalhekk, il-liġi trid li jekk l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni tajba, l-appaltant irid iħallsu tax-xogħol li jkun laħaq tlesta u tal-ispejjeż għax-xiri tal-materjal, wara li jittieħed qies tal-ħsara li jkun ġarrab il-ġid tal-appaltant qabel ġie mwaqqaf ix-xogħol[9]. Jekk, min-naħa l-oħra, l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni li mhix tajba, l-liġi trid li l-appaltatur jitħallas kemm tax-xogħol li jkun laħaq ta, kif ukoll tal-ispejjeż kollha li jkun nefaq, magħduda magħhom somma meqjusa mill-Qorti, liema somma ma tkunx akbar mill-qligħ li l-appaltatur kien jirreġistra kieku tħalla jtemm l-appalt[10];

Illi dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-appaltant. L-imħarrkin[11] jgħidu li huma waqqfu lill-attur milli jkompli kemm minħabba li ma kienx qiegħed jagħmel xogħol tajjeb u kif ukoll minħabba li kien għamel xi ħaġa li minħabba fiha kellha tidħol il-pulizija biex tistħarreġ[12];

Illi, madankollu, mill-provi mressqa, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-imħarrkin seħħilhom iressqu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jiġġustifikaw li kellhom itemmu l-appalt.

[8] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[9] Art. 1640(3) tal-Kap 16
[10] Art. 1640(2) tal-Kap 16
[11] Affidavit ta' Salvu Muscat 7.11.2001 (par. 9 u 10), f'paġ. 46 tal-proċess
[12] Affidavit ta' Joseph Muscat 6.2.2002 (par. 8 u 9), f'paġ. 66 tal-proċess

Mill-istess affidavit tal-imħarrek Salvu Muscat[13], jirriżulta li huma kienu wegħdu lill-attur li "konna lesti li nħallsuh tax-xogħol li għamel fuq il-prezz miftiehem u fiċ-ċirkostanzi x-xogħol jieqaf hemm". Aktar 'il quddiem stqarr ukoll li kien aċċetta li kien għad fadal bilanċ x'jitħallas lill-attur u li dan kien jammonta għal erba' mitt lira (Lm 400)[14]. Dan ma jistax jitfisser mod ieħor ħlief li l-imħarrkin kienu bdew iħossuhom skomdi bl-attur jaħdem fi ħwejjiġhom u li riedu jtemmu dak l-iskomdu ("lill-attur ma stajniex nafdawh aktar fi ħwejjiġna"[15]). Minbarra dan, għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-invjar tal-ħitan ta' ġewwa, filwaqt li l-imħarrkin jgħidu[16] li l-invjar fuq ġewwa kollu kien parti mill-ftehim oriġinali, l-attur jisħaq li fuq l-invjar lill-imħarrkin qalilhom li jekk riedu jagħmluh setgħu jagħmluh. Il-Qorti ma ngħatatx raġuni tajba mill-imħarrkin għaliex, ladarba kienu qegħdin isegwu b'mod assidwu l-progress tax-xogħol tal-attur, ħallewh ikompli bix-xogħol tal-kisi u semmewlu n-nuqqas ta' invjar wara li kien għoddu lest;

Illi jekk kemm-il darba l-appaltant minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-appaltant ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[17] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)[18];

Illi l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas ta' appalt li huwa ma jtemmx jew li jagħmel ħażin, u l-azzjoni tiegħu għall-ħlas għandha tiġi miċħuda għaliex tkun saret qabel waqtha. Imma l-intempestivita' tintemm jekk kemm-il darba l-appaltant iqabbad minn rajh li ħaddieħor itemm ix-

---

[13] *Ibid.* par 11 u 13, f'paġ. 46 tal-proċess
[14] *Ibid.* par. 18, f'paġ. 47
[15] Affidavit ta' Joseph Muscat (par 9), f'paġ. 66 tal-proċess
[16] *Ibid.* (par.3) f'paġ 65 tal-proċess
[17] Art. 1068 tal-Kap 16
[18] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***

xogħlijiet jew jirranġahom[19] u ma jagħtix lill-appaltatur opportunita' li jagħmel dan;

Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar[20];

Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta' xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-appaltant biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizżazzjoni tal-Qorti għal dan[21];

Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-appaltant ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[22]. Fil-każ preżenti, jirriżulta li meta l-imħarrek Salvu Muscat sab li l-bir kien qed jitlef l-ilma[23], qagħad fuq li qallu l-perit u qabbad lil ħaddieħor biex jerġa' jiksih. Għal dan ix-xogħol, qal li nefaq mat-tliet mitt lira. Imma mkien ma semma li, qabel ħatar lil ħaddieħor, kien talab lill-attur biex jirranġa hu x-xogħol ħażin li kien għamel;

Illi lanqas ma jitqies li seħħ inadempiment kuntrattwali jekk ix-xogħlijiet ikollhom nuqqasijiet jew difetti, imma dawn ma jkunux sostanzjali. F'każ bħal dan, l-appaltatur għandu jintalab jew li jagħmel it-tiswijiet jew bidliet meħtieġa, jew jaċċetta tnaqqis fil-ħlas. Biex nuqqasijiet ikunu meqjusa sostanzjali jew essenzjali, iridu jkunu ta' kobor tali li jew l-oġġett ma jkunx tajjeb għall-għan li għalih kien intalab jew

---

[19] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***
[20] App.Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bezzina et vs Joseph Attard et***
[21] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[22] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
[23] Affidavit tiegħu (par. 16), f'paġ. 47 tal-proċess

li l-ħsara mġarrba mill-appaltant tkun b'mod li l-ħaġa mogħtija ma jifdlilha l-ebda siwi[24];

Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrkin, jingħad biss li l-kuntratt tal-appalt ma jistax jintrabat mal-kwestjoni ta' min huwa s-sid tal-post li fih jew għall-benefiċċju tiegħu jkun sar ix-xogħol appaltat. Il-liġi toħloq preżunzjoni *juris tantum* li r-rabta ġuridika li tinħoloq f'kuntratt ta' appalt hija waħda personali u mhix marbuta mal-jeddijiet rejali fuq il-ġid milqut, u għalhekk min iqabbad lil xiħadd biex iwettaq appalt ikun qiegħed jagħmel dan f'ismu personalment[25]. Biex preżunzjoni bħal din tingħeleb, jaqa' fuq min jallega li m'għandux x'jaqsam mal-ftehim li jkun sar mal-appaltatur il-piż li jressaq provi tajbin u ċari biżżejjed biex juri mod ieħor, u fejn hemm dubju għandha tibqa' tgħodd ir-regola maħluqa bl-imsemmija preżunzjoni legali;

Illi fil-każ preżenti, jirriżulta li l-arranġamenti li saru bejn il-partijiet dwar liema xogħlijiet kellhom jitwettqu saru mhux biss fil-preżenza tal-imħarrek Joseph Muscat – sid il-postijiet – imma wkoll ta' missieru, l-imħarrek Salvu Muscat. L-istess Salvu Muscat jixhed li kien hu li qabbad lill-attur[26]. Jirriżulta wkoll li l-istima ngħatat mill-attur lil Salvu Muscat fil-post fejn jaħdem, u li kien l-istess Salvu Muscat li ikkonferma l-qbil mal-attur u li kien jitolbu tnaqqis (skont) mis-somma stmata. Imbagħad ħareġ ċar ukoll li, waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, l-iżjed li kienu jkunu preżenti fil-post kienu l-ġenituri tal-imħarrek Joseph Muscat, bħalma kien l-istess Salvu Muscat li, flimkien ma' ibnu u l-attur, kienu preżenti meta nġab il-Perit Buħaġiar ħalli jkejjel ix-xogħlijiet li laħaq lesta l-attur;

Illi minn dawn il-fatti kollha l-Qorti tasal għall-fehma li l-appalt sar mat-tliet imħarrkin u għalhekk it-tieni eċċezzjoni ma tistax tintlaqa';

Illi għar-rigward tal-eċċezzjoni fil-mertu, il-Qorti tqis li x-xogħlijiet li għamel l-attur ingħataw prezz u valur mill-

---

[24] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et***
[25] App Ċiv. (*in parte*) **5.10.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Bonsnos Ltd. vs Perit Catherine Galea***
[26] Affidavit ta' Salvu Muscat 7.11.2001, f'paġ. 45 tal-proċess

istess perit imqabbad mill-imħarrkin. Il-valur huwa wieħed attiv u mhux passiv jew negattiv. Huwa valur ta' benefikat li jindika li l-ġid tal-imħarrek żied fil-valur minħabba x-xogħlijiet li għamel l-attur. Minbarra dan ma ntweriex li l-imħarrkin neħħew ix-xogħol li wettaq l-attur. Huwa prinċipju aċċettat fil-qasam tal-kuntratt tal-appalt, li l-appaltant ma jistax jitħalla jilmenta li x-xogħol mhux skond is-sengħa jekk imbagħad jirriżulta li jkun żammu jew baqa' jinqeda bih[27];

Illi skond ma jgħid l-attur[28], mhux talli x-xogħol imkejjel mill-perit ma kienx difettuż, talli l-istess perit faħħar ix-xogħol li ra u kejjel u taħ valur li jisboq dak li kien imsemmi fl-istima mogħtija lill-imħarrkin. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek Joseph Muscat jgħid[29] li, għalkemm xi xogħol li għamel l-attur ma kienx qed jogħġbu, "il-ġudizzji tiegħi żammejthom għalija sakemm jiġi l-perit ħalli jagħti l-parir tiegħu". Fil-fehma tal-Qorti, din l-imġiba m'hijiex rakkomandata, għaliex ma tistax titqies bħala riżerva ta' approvazzjoni kondizzjonata meta l-attur ma kellu l-ebda ħjiel ta' dak li sata' kien qiegħed jaħseb l-appaltant dwar ix-xogħol imwettaq. Minbarra dan, l-istqarrija li l-imħarrek żamm misturin ir-riżervi tiegħu ma teskludix li din setgħet kienet ċirkostanza li nħolqot minħabba li kien jaf li hemm kawża kontrih;

Illi għalhekk il-Qorti qegħda tqis li l-valutazzjoni magħmula mill-perit imqabbad mill-imħarrkin infushom għandha sservi bħala gwida biex jiġi determinat jekk l-attur għandux jitħallas xi bilanċ mingħand l-imħarrkin. Kif jgħid l-abbli difensur tal-imħarrkin waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tiegħu, l-attur kien stqarr b'ġurament li "kulma rċevejt, jiena ġejt *square* qisu mingħajr tal-katusi biss"[30]. Dan il-kliem jintuża mill-imħarrkin bħala stqarrija li l-ebda ħlas ieħor m'hu dovut lill-attur. Imma l-atti proċesswali juru mod ieħor, u l-istqarrija tal-istess imħarrkin magħmula fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tagħhom mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet ixxejjen dan l-argument;

---

[27] App.Inf. **22.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Frederick Micallef pro et vs May Sullivan***
[28] Affidavit tiegħu 17.4.2001, f'paġ. 34 tal-proċess
[29] Affidavit tiegħu (par. 5), f'paġ. 65 tal-proċess
[30] Paġ. 59 tal-proċess

Illi n-nuqqas ta’ qbil dwar liema rata kienet applikabbli ladarba l-attur kien ta prezz wieħed (*lump sum*) għax-xogħol li tqabbad jagħmel, għandu jiġi determinat bl-aċċettazzjoni tar-rata li tqieset mill-perit imqabbad mill-imħarrkin infushom meta kejjel u stima x-xogħlijiet li laħaq wettaq l-attur. Għalkemm l-imħarrek Salvu Muscat jinsisti li qatt m’aċċettaw ir-rati dettati mill-attur (billi qieshom bħala rati għoljin), ma ta l-ebda raġuni tajba biex iwassal lill-Qorti tinjora l-valutazzjoni tal-perit imqabbad minnu stess. Lanqas wera li l-perit kien konvint biex joħroġ kont ieħor aġġornat. Minbarra dan, ir-rati msemmija fir-rapport tal-perit *ex parte* maħtur mill-imħarrkin ma jidhirx li kienu xi rati inaċċettabbli, għaliex wieħed kien jistenna li, ladarba dawn ingħataw waqt li x-xogħol kien qiegħed jitkejjel u fil-preżenza tal-imħarrkin, il-perit kien jirrimarka dwar jekk ir-rati mitluba kinux rati li wieħed jistenna li setgħu jintalbu f’xogħol bħal dak fiż-żmien li sar. Fl-aħħarnett, minħabba li l-Qorti waslet għall-fehma li t-temm tal-appalt ma kienx għal raġuni valida, ir-rata stabilita mill-perit fil-konteġġ tiegħu (ukoll jekk ma kinitx aċċettata mill-imħarrkin) tista’ tintuża biex tinkludi fiha dik is-somma addizzjonali li tissemma fl-artikolu 1640(2) ;

Illi, minkejja dan, l-imħarrkin xorta waħda iddikjaraw li huma kellhom bilanċ x’iħallsu lill-attur, u l-argument waħdieni kontra dik l-istqarrija kien li kellha ssir tpaċija ma’ xi krediti li huma kellhom fil-konfront tal-attur. Din il-pretensjoni ma ġiet bl-ebda mod miċħuda mill-attur, u l-Qorti sejra tagħti każha meta tagħmel il-likwidazzjoni mitluba. Kif ingħad diġa’ u huwa maqbul bejn il-partijiet, l-attur diġa’ tħallas akkont is-somma ta’ Lm 1400;

Illi, għalhekk, jekk wieħed iqis li l-valur tax-xogħol imkejjel mill-perit bħala ammontanti għal Lm 3153.95, u jnaqqas minnu dak li l-attur diġa’ tħallas (Lm 1400) u wkoll l-ammont ta’ tpaċija pretiż mill-imħarrkin (Lm 70), jiġi li l-attur għad fadallu jirċievi mingħand l-imħarrkin is-somma ta’ elf sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm 1683.95);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tal-attur** billi tiddikjara li l-imħarrkin huma solidalment debituri tal-attur dwar bilanċ ta' prezz ta' xogħol, spejjeż u kumpens dwar xogħol magħmul minnu fuq talba tagħhom fil-post 52A u 52B, Triq San Pawl Milqi, Burmarrad;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** billi ma tirriżultax mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida s-somma li għandha titħallas lill-attur fl-ammont ta' elf sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltija u ħamsa u disgħin ċenteżmi (Lm 1683.95);

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** bħala wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------